PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż rigward il-miżuri ta' anti-dumping fis-seħħ fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, *inter alia,* fiċ-Ċina u li huma estiżi għall-importazzjonijiet tal-ħbula u l-kejbils tal-azzar mibgħuta mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarat li joriġinaw fil-Korea u sew jekk le: indirizz mibdul ta' kumpanija eżentata mill-miżuri estiżi

(2011/C 99/07)

Id-dazju tal-anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-ħbula u l-kejbils tal-azzar li joriġinaw, *inter alia,* fiċ-Ċina impost bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1858/2005 [1] kien estiż għall-importazzjonijiet tal-ħbula u l-kejbils li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea, sew jekk ikun iddikjarat li joriġinaw fil-Korea u sew jekk le, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 400/2010 [2] ("ir-Regolament (UE) Nru 400/2010").

Bosung Wire Rope Co. Ltd, kumpanija fir-Repubblika tal-Korea, li l-esportazzjonijiet tagħha lejn l-Unjoni tal-ħbula u l-kejbils tal-azzar ġew eżentati mid-dazju tal-anti-dumping estiż, skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 400/2010, infurmat lill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") li fit-3 ta' Jannar 2011 bidlet l-indirizz tagħha.

Il-kumpanija sostniet li l-bidla fl-indirizz ma taffettwax id-dritt li l-kumpanija tibbenefika mir-rata individwali ta' dazju applikata lill-kumpanija meta kienet fl-indirizz preċedenti tagħha, jiġifieri:

972-5 Songhyun-Ri
Jinrae-Myeun
Kimhae-Si
Gyeungsangnam-Do
DAEHANMINGUK/REPUBLIC OF KOREA

Il-kumpanija ssottomettiet biżżejjed evidenza biex tistabbilixxi li l-bidla fl-indirizz saret minħabba n-nuqqas ta' spazju li kellha fejn kienet qabel.

Il-Kummissjoni eżaminat it-tagħrif mogħti u kkonkludiet li l-bidla fl-indirizz bl-ebda mod ma taffettwa s-sejbiet tar-Regolament (UE) Nru 400/2010. Għaldaqstant, ir-referenza fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 400/2010 għal:

Bosung Wire Rope Co. Ltd
972-5 Songhyun-Ri
Jinrae-Myeun
Kimhae-Si
Gyeungsangnam-Do
DAEHANMINGUK/REPUBLIC OF KOREA

għandha tinbidel għal:

Bosung Wire Rope Co. Ltd
568 Yongdeok-ri
Hallim-myeon
Gimhae-si
Gyeongsangnam-do
621-872
DAEHANMINGUK/REPUBLIC OF KOREA

[1] ĠU L 299, 16.11.2005, p. 1.
[2] ĠU L 117, 11.5.2010, p. 1

Il-kodiċi addizzjonali TARIC A969 għandu japplika għal:

Bosung Wire Rope Co. Ltd
568 Yongdeok-ri
Hallim-myeon
Gimhae-si
Gyeongsangnam-do
621-872
DAEHANMINGUK/REPUBLIC OF KOREA